

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/74/PESK**tal-10 ta' Frar 2014****li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) Jeħtieġ li fid-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi introdotta eżenzjoni mill-iffriżar tal-assi biex ikun permess ir-rilaxx ta' fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi tal-Bank Ċentrali tas-Sirja u ta' entitajiet li huma l-proprjetà tal-Istat Sirjan għall-fini ta' ħlasijiet f'isem ir-Repubblika Għarbija Sirjana lill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) għal attivitajiet relatati mal-missjoni ta' verifika tal-OPCW u mal-qerda ta' armi kimiċi Sirjani, u partikolarment lill-Fond Fiduċjarju Speċjali tal-OPCW għal attivitajiet relatati mal-qerda totali ta' armi kimiċi Sirjani barra t-territorju tar-Repubblika Għarbija Sirjana.
- (3) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (4) Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 28(3) tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jiżdied il-punt li ġej:

“(h) maħsuba għall-Bank Ċentrali tas-Sirja jew għal entitajiet li huma l-proprjetà tal-Istat Sirjan, kif elenkati fl-Anness I u II, biex jagħmlu ħlasijiet f'isem ir-Repubblika Għarbija Sirjana lill-OPCW għal attivitajiet relatati mal-missjoni ta' verifika tal-OPCW u mal-qerda ta' armi kimiċi Sirjani, u partikolarment lill-Fond Fiduċjarju Speċjali tal-OPCW għal attivitajiet relatati mal-qerda totali ta' armi kimiċi Sirjani barra t-territorju tar-Repubblika Għarbija Sirjana.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
C. ASHTON

⁽¹⁾ ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.